StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2010

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ____________________________ Klassi: _______________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha*:**

Il-karozzin Malti għandu storja qadima ħafna, għax l-antiki dejjem jitħaddtu fuqu. Kull fejn kienu jmorru, kienu jew jimxu jew inkella jikru karozzin. Darba l-karozzin kien qisu t-*taxi* tal-lum, imma ma kienx għali daqskemm hija t-*taxi* llum. Mid-dehra kulħadd kien jista' jasal iħallas għalih. Kulħadd kien jista' jaffordjah. *(par. 1)*



Imma l-karozzin ma kienx jgħaġġel daqs it-*taxi* tal-lum, żgur, għax żiemel wieħed mhux se jlaħħaq ma' tmienja jew għaxra jew iżjed li jgħidu li jkollha karozza f'żaqqha, jew fir-roti, jekk mhux fil-magna. *(par. 2)*

Il-karozzin sabiħ meta jiġri, għax tisimgħu minn seba' mili 'l bogħod bil-ħoss tar-roti tiegħu jduru u l-ħadida dawra tond tar-rota tħokk mat-tarmak – jekk ma tkunx qalgħetu x-xita. Meta jiġri xi ġirja, speċjalment meta jkun tiela' xi telgħa u ma jkunx irid jieqaf, tarah jieħu r-rankatura u jibda għaddej qisu għafrid, bil-qanpiena ddoqq. Għax x'inhu karozzin jekk ma jkollux qanpiena ddoqq? Anke l-*Greenfields* jafuh dan, għax isemmuh fil-kanzunetta tagħhom. *(par. 3)*

Il-karozzin u l-qanpiena jmorru flimkien. Anke ż-żiemel miskin. Illum nitħassruh iż-żiemel għax jaħdem sigħat twal, jiġbed ħafna nies, imur fejn jgħidulu, ma jistax jara laġenba imma 'l quddiem biss, u ma jistax jinżel bil-qiegħda. Dejjem marbut bħal ħabsi. Imma għax tgħid, naħseb li ż-żiemel jieħu pjaċir jiġri ġirja, itajjar ir-ragħwa, iferfer widnejh bil-ponta, u jagħti b'saħħtu kollha mal-art bin-nagħal biex itir. Flok itir jimxi aktar ħafif. Għax iż-żiemel qatt ma kellu l-ġwienaħ ħlief fil-mitoloġija. *(par. 4)*

Żiemel mhux bħal ieħor. Il-kuluri dejjem imżewqin differenti. Min għandu sarvetta 'l hawn u min roqgħa hemm, min bl-abjad u min bil-kannella jew bl-iswed. Iż-żiemel għandu għajnejh ikellmuk, u ħomor, ħomor. U xi ngħidu għal snienu li jħobb iberraq u jqarmeċ biex jurik kemm hu b'saħħtu? Is-saħħa taż-żiemel qiegħda fi snienu, almenu minn hemm jagħrfuh. *(par. 5)*

Maż-żiemel imur il-kuċċier u ġeneralment il-ftit kuċċiera li baqa' kollha għandhom daqsxejn umoriżmu, sakemm ma tpaqpqilhomx jew ma jitlagħlhomx. Imma għax għandek tittantahom, kif jagħmlu xi wħud? *(par. 6)*

*(kitba ta' Norbert Ellul-Vincenti)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## A. FEHIM IT-TEST (10 ma

StudentBounty.com

1. Isem xieraq għal din is-silta hu:

(a) It-*Taxi* ___; (b) It-Turisti ___; (ċ) Il-Karozzin ___ . (marka)

2. Ma' xiex inhu mqabbel il-karozzin fl-ewwel paragrafu?

______________________________________________ (marka)

3. Għaliex il-karozzin ma jiġrix daqs *taxi*?

______________________________________________

______________________________________________ (marka)

4. Skont l-awtur, kif tinduna li jkun ġej karozzin?

______________________________________________

______________________________________________ (marka)

5. Liema oġġett ifakkarna ħafna fil-karozzin:

(a) iż-żiemel ___; (b) il-qanpiena ___; (ċ) ir-roti___. (marka)

6. Skont is-silta, min għandu kanzunetta li titkellem dwar il-karozzin?

______________________________________________ (marka)

7. Agħti żewġ raġunijiet għaliex, skont l-awtur, għandna nitħassru liż-żiemel tal-karozzin.

(a) ______________________________________

(b) ______________________________________ (2 marki)

8. Iż-żiemel minn xiex jingħaraf jekk ikunx b'saħħtu jew le?

______________________________________________ (marka)

9. L-uniku żiemel bil-ġwienaħ li nafu bih hu dak li nsibu:

(a) fil-mitoloġija ___; (b) fil-kampanja ___; (ċ) ħdejn il-baħar ___. (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** (2

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Kompli l-kelma skura fil-vojt billi tagħżel il-parti nieqsa minn taħt. (Ara l-eżempju)

    (a) L-ajruplan **super**<u>soniku</u> hu ajruplan li jtir b'ħeffa kbira.

    (b) Il-*player* **inter**___________ skorja żewġ *goals*.

    (ċ) Il-ġebel **mega**___________ ta' Ħaġar Qim hu ġebel kbir ħafna.

    (***nazzjonali; soniku; litiku***) (2 marki)

2. Imla l-vojt bil-verb skont l-għerq fil-parentesi u iktbu fil-vojt. (Ara l-eżempju)

    (a) Malli daqqet il-qanpiena, it-tfal **<u>ħarġu</u>** (*ħ-r-ġ*) mill-iskola.

    (b) Meta jkun bnazzi, Għawdex ___________ (d-h-r) sewwa mill-Mellieħa.

    (ċ) Il-folla _________ (*ċ-pċ-p*) ħafna malli rat lill-president fit-tieqa tal-palazz.

    (2 marki)

3. Agħżel il-**konġunzjonijiet** it-tajbin mil-lista u imla l-vojt bihom.

    (Agħżel minn dawn: ***u**, billi, ma, għax, jew, biex, meta*)

    It-turist ħareġ mil-lukanda **<u>u</u>** mar il-belt. Hu rikeb karozzin _____ idur dawra. It-turist ħa gost ħafna fil-belt _________ ra dawk il-ħafna knejjes u palazzi sbieħ. (2 marki)

4. Kompli **l-avverbju** skont kif mitlub/a fl-aħħar tas-sentenza. (Ara l-eżempju)

    a. Il-karozzin faċ***<u>ilment</u>*** jgħaddi mit-toroq dojoq tal-belt. (*faċli*)

    b. Ħareġ b___________ biex jara aħjar x'kien ġara. (*kontra ta' ġewwa*)

    ċ. Lill-għalliem tal-Franċiż nifhmu per__________________. (*perfett*)

    d. It-tabib wasal m__________ fid-dar tal-marid. (*bla telf ta'żmien*) (3 marki)

5. Ikteb dawn is-sentenzi mod ieħor filwaqt li żżomm l-istess tifsira. (Ara l-eżempju)

    a. Il-ħalliel seraq il-ktieb. **<u>Il-ktieb insteraq mill-ħalliel</u>**

    b. Ġino xtara r-rota l-ħamra. ______________________________________________

    ċ. Tammy sabet il-misluta. ______________________________________________

    (2 marki)

## LESSIKU / VOKABULARJU

6. Sib minn *paragrafu 1* kelma li tfisser ***jista' jħallas għalih.*** __________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

7. Flok il-kelma ___________________ (*par. 2*) nistgħu niktbu l-kelma ***jikkompeti.***

8. Il-kelma **tarmak** *(par.3)* hi ta' nisel: Semitiku __; Rumanz __; Ingliż __. (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

9. Il-kelma għafrid (*par.3*) qiegħda tirreferi:
(a) għall-karozzin ___ (b) għall-awtur ___ (ċ) għall-kuċċier ___ (marka)

10. Il-frażi ________________________________________________ *(par.5)* tfisser li ż-żiemel għandu għajnejn sbieħ li jiġbdu lil kull min iħares lejhom. (marka)

**SINTASSI**

11. Qiegħed **il-punteġġjatura** fejn suppost.

Kemm tiġina biex iddawwarna dawra mal-kottonera staqsa kevin borg lix-xufier tal-*minibus*.

_______________________________________________________________________

_________________________________________________________________ (4 marki)

| | |
|---|---|
| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (4 marki) |

**IDJOMI U QWIEL**

**(i) Sib żewġ idjomi minn dawn is-sentenzi u iktibhom fil-kaxxi ta' taħt.**

Is-sur Mejlak, raġel tal-flus, iddeċieda li jaqbeż qabża sa Sqallija bil-katamaran. Qalbu ħebritu li kien se jieħu gost. Imma l-baħar kien imqalleb u, sa ma waslu, qala' fwiedu, l-aktar x'ħin kienu bejn sema u ilma. Imma malli daħlu fil-port ta' Catania, is-Sur Mejlak ħa r-ruħ.

| | |
|---|---|
| (a) | (b) |

**(ii) Fisser fi kliemek dawn il-qwiel.** *(Agħżel it-tweġibiet tajba mil-lista ta' taħt.)*

(a) Toqtol żewġ għasafar b'ġebla waħda:________________________________________

(b) Il-mistoqsija oħt il-għerf:________________________________________________

| |
|---|
| (i) tafdax għal kollox; (ii) jekk tistaqsi, titgħallem; (iii) min jgħaġġel, jiżbalja; (iv) tagħmel żewġ affarijiet f'daqqa; (v) bil-flus tagħmel kollox, (vi) isma' minn min hu ta' esperjenza. |

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** (8

Agħżel waħda minn **(a)** u **(b)** u ikteb madwar **60 kelma**.

(a) Xi tnejn minn sħabek tal-klassi qatt ma ġew fil-parti tar-raħal jew belt fejn tgħix int. Iddeskrivilhom it-triq fejn toqgħod int, bin-nies, il-ħwienet, u ħwejjeġ oħra li hemm fiha.

**JEW**

(b) Dan l-aħħar f'Ħal Muxi seħħet serqa f'dar ta' mara anzjana li tgħix weħidha f'tarf ir-raħal. Bħala korrispondent tal-gazzetta *Leħen Ħal Muxi,* ikteb rapport dwar din is-serqa għal fuq il-gazzetta. Fih trid tirrakkonta meta u xħin ġrat is-serqa u kif il-ħallelin irnexxielhom jidħlu fid-dar ta' din l-anzjana. Semmi wkoll x'insteraq.

**E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI** (8 marki)

Agħżel **<u>aspett wieħed</u>** li għamilt tiftix fuqu fil-proġett **L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija** u ikteb madwar **60 kelma** dwaru.



www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F. LETTERATURA** (30 m

**(i) Proża / Dramm**

**L-Isqaq** (5 marki)

1. Min jirrakkonta l-ġrajja tar-rumanz *L-Isqaq*? Din jirrakkuntaha ____________________.
2. Fejn kienet toqgħod il-familja ta' Stejfen? Kienet toqgħod fi ________________ .
3. Lil min kien iħobb Stejfen? Hu kien iħobb lil ______________________.
4. F'min waħħlu l-ewwel meta Lugrez instabet maqtula? Għall-ewwel waħħlu fi _________.
5. Għalkemm kienu jiġġieldu bejniethom, kif kienu jgħixu n-nies tal-isqaq?
   Dawn kienu jgħixu qishom kienu _________________________________.

**Anestesija** (5 marki)

6. It-tifel tad-dramm ma' min mar jara ċ-ċirku Terros? Hu mar jara ċ-ċirku ______________ _________________________________.
7. Tal-ġelati, x'tip ta' ġelat tah lit-tifel? Dan tah ġelat _______________________.
8. X'juru l-bejjiegħ tal-ġelati u dak tas-sold xelin? Dawn juru li fid-dinja dejjem issib nies __________________________________________.
9. Ma' min għamel ħbieb it-tifel waqt li kien fiċ-ċirku? Hu għamel ħbieb _______________.
10. Kif miet it-tifel fl-aħħar tad-dramm? ____________________________________________.

**(ii) Qawsalla:** ***Referenza għall-Kuntest***

Aqra din il-poeżija ta' Ġorġ Borg u wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:

**Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti**

Għall-bejjiegħ
tal-gazzetti fuq Kastilja
min ma jixtrix
ma jeżistix.

Iżda
hu għandu ommu d-dar
u għalkemm gazzetti ma tixtrix
u ma taqrax għax ma tarax,
għalih hi kollox
u biha,
id-dinja ma taqax.



1. X'kien ix-xogħol tar-raġel imsemmi fil-poeżija? Hu kien _____________________ (marka)
2. Fejn kien jagħmel dan ix-xogħol? (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Għaliex ommu ma kinetx tixtri gazzetti? ___________________________ (1

4. Il-vers "***id-dinja ma taqax***" hi: (a) similitudni __; (b) metafora __; (ċ) anafora __ . (marka)

5. Għid, fi ftit kliem, għaliex ***Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti*** ta' Ġorġ Borg turi rispett fil-familja.

Din turi rispett fil-familja għax ________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________ (4 marki)

**(iii) Qawsalla: Komponiment Letterarju** (12-il marka)

Agħżel **waħda** minn **(a)** u **(b)** u ikteb madwar **100 kelma** dwarha fuq karta separata.

(a) Kultant il-membri tal-familja mhux dejjem juru rispett lejn xulxin. Dan jidher ukoll f'xi xogħlijiet li studjajt marbutin mat-tema ***Rispett fil-Familja.*** Agħżel **erba'** xogħljiet minn din it-taqsima u għid kif tnejn juru rispett waqt li t-tnejn l-oħra juru nuqqas ta' rispett.

**JEW**

(b) Ħafna drabi l-poeti u l-kittieba l-oħra jipprotestaw kontra dak li jaraw ħażin jiġri madwarhom. Mit-tema ***Protesta*** agħżel erba' xogħlijiet li fihom il-poeti u l-kittieba jipprotestaw kontra dak li jaraw ħażin fis-soċjetà ta' madwarhom u ikteb dwarhom.

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300 kelma** fuq karta separata.



1. Is-safar
2. Il-marċijiet fil-festi tagħna.
3. F'daqqa waħda nstemgħet twerżiqa fid-dalma tal-lejl.... Kompli din l-istorja.
4. Kliem ix-xiħ żomm fih, jgħid il-Malti!
5. Fuq tal-linja
6. Il-kompjuter: biex naħdem jew biex nilgħab?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers